# L-Ugwaljanza tal-Ġeneru



## INDIKATURI TAL-UGWALJANZA TAL-ĠENERU FIL-QASAM TAX-XOGĦOL F'MALTA, FIL-PORTUGALL U FIT-TURKIJA

Biex nifhmu aktar fid-dettall is-sitwazzjoni tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru u nqisu wkoll l-għan ta' dan il-proġett, li għandu jikkoreġi d-diskriminazzjoni tal-ġeneru f'Malta, fil-Portugall u fit-Turkija, f'dawn il-paġni qed nippreżentaw u nqabblu wħud mill-indikaturi ewlenin tas-sitwazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-qasam tax-xogħol ta' dawn it-3 pajjiżi, mal-medja tal-Unjoni Ewropea[1].

Fl-Unjoni Ewropea, ir-rata ta' attività ta' dawk li għandhom bejn 15 u 64 sena, fl-2013 (Tabella 1) kienet ta' 72%. Ir-rata ta' attività fost in-nisa kienet 66% u r-rata ta' attività fost l-irġiel kienet 78%. Mill-pajjiżi li qegħdin f'din is-sħubija, l-ogħla rata ta' attività fost in-nisa kienet fil-Portugall b'69.8%, warajh Malta b'50.2%, u mbagħad it-Turkija bi 33.2%. Fit-Turkija, fejn ir-rata ta' attività fl-irġiel kienet 75.6%, hemm differenza kbira fir-rati tal-irġiel u n-nisa, 42.4 fil-mija. F'termini ta' żmien, kien hemm żieda fir-rata ta' nisa fix-xogħol bejn l-2010 u l-2013 fil-pajjiżi kollha, u tnaqqis żgħir fid-differenza ta' bejn ir-rata maskili u femminili.

**Tabella 1 | Rata ta' attività (15-64 sena)**

| Sena / Pajjiż | Nisa | | | | Irġiel | | | | Total | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
| **L-Unjoni Ewropea (28)** | 64.4 | 64.8 | 65.5 | 66 | 77.5 | 77.5 | 77.8 | 78.0 | 70.9 | 71.1 | 71.7 | 72.0 |
| **Malta** | 42.5 | 44.7 | 47.5 | 50.2 | 77.8 | 78.6 | 78.3 | 79.4 | 60.4 | 61.8 | 63.1 | 65 |
| **Il-Portugall** | 69.70 | 69.50 | 69.7 | 69.80 | 77.80 | 78 | 77.30 | 76.50 | 73.7 | 73.60 | 73.40 | 73 |
| **It-Turkija** | 29.60 | 31.00 | 31.80 | 33.20 | 74.50 | 75.60 | 75.00 | 75.60 | 51.90 | 53.20 | 53.30 | 54.40 |

[1] Tagħrif statistiku mill-ġabriet tad-*data* tal-Eurostat għat-28 stat membru tal-UE, Malta, il-Portugall u t-Turkija

**Sħubija:**

B'kofinanzjament mal-
**Unjoni Ewropea**

Nistgħu nanalizzaw ukoll in-numru ta' ħaddiema skont il-ġeneru tagħhom, mill-2010 sal-2013. It-Tabella 2 turina li fit-3 pajjiżi, in-numru ta' impjegati rġiel hu akbar min-numru ta' nisa. Nistgħu nivverifikaw ukoll li fil-Portugall u f'Malta din id-differenza qed tonqos, filwaqt li fit-Turkija d-differenza qiegħda tiżdied.

**Tabella 2 | Nru ta' ħaddiema f'Malta, fil-Portugall u fit-Turkija (f'eluf)**

| Pajjiż \ Sena | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza |
| L-Unjoni Ewropea (28) | 118,818.8 | 98,652.1 | 20,166.7 | 118,917.1 | 99,106.7 | 19,810.4 | 118,375.4 | 99,265.4 | 19,110.0 | 117,852.3 | 99,439.9 | 18,412.4 |
| Malta | 106.7 | 55.9 | 50.8 | 108.2 | 58.4 | 49.8 | 108.3 | 62 | 46.3 | 109.2 | 66.2 | 43 |
| Il-Portugall | 2,569.30 | 2,329.10 | 240.2 | 2,487.20 | 2,252.90 | 234.3 | 2,357.30 | 2,189.60 | 167.7 | 2,288.40 | 2,141.00 | 147.4 |
| It-Turkija | 16,168.50 | 6,424.20 | 9,744.30 | 17,130.50 | 6,968.80 | 10,161.70 | 17,511.30 | 7,308.10 | 10,203.20 | 17,878.30 | 7,641.50 | 10,236.80 |
| Total (3 pajjiżi) | 18,844.50 | 8,809.20 | 10,035.30 | 19,725.90 | 9,280.10 | 10,445.80 | 19,976.90 | 9,559.70 | 10,417.20 | 20,275.90 | 9,848.70 | 10,427.20 |

Minn fost it-tliet pajjiżi, il-Portugall (simili għall-medja tal-UE) hu dak il-pajjiż li qed jitlef l-impjiegi u li l-irġiel huma l-aktar milquta (Tabella 3).

**Tabella 3 | Varjazzjoni fil-ġeneru fix-xogħol f'Malta, fil-Portugall u fit-Turkija (f'eluf)**

| Pajjiż \ Sena | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total |
| L-Unjoni Ewropea (28) | 98.3 | 454.6 | 552.9 | -541.7 | 158.7 | -383.0 | -523.1 | 174.5 | -348.6 |
| Malta | 1.5 | 2.5 | 4 | 0.1 | 3.6 | 3.7 | 0.9 | 4.2 | 5.1 |
| Il-Portugall | -82.10 | -76.20 | -158.3 | -129.90 | -63.30 | -193.2 | -68.90 | -48.60 | -117.50 |
| It-Turkija | 962.00 | 544.60 | 1,506.60 | 380.80 | 339.30 | 720.10 | 367.00 | 333.40 | 700.40 |

Għalhekk, ir-rata ta' nisa b'impjieg żdiedet fil-pajjiżi kollha u qed issegwi l-medja tal-UE. Minn fost it-tliet pajjiżi, il-Portugall għandu l-ogħla rata ta' nisa jaħdmu bi qligħ, madwar 48.3% fl-2013, ċifra li hi ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea, li hi 45.8% (Tabella 4).

**Tabella 4 | Rata ta' nisa b'impjieg - UE, Malta, Il-Portugall u t-Turkija**

| Pajjiż \ Sena | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|
| L-Unjoni Ewropea (28) | 45,4% | 45,5% | 45,6% | 45,8% |
| Malta | 34,4% | 35,1% | 36,5% | 37,7% |
| Il-Portugall | 47.5% | 47.5% | 48.2% | 48.3% |
| It-Turkija | 28.4% | 28.9% | 29.4% | 29.9% |

Ir-rata ta' impjiegi għal dawk ta' bejn il-15 u l-64 sena fl-UE kienet ta' 64.1% fl-2013 (58.8% għan-nisa u 69.4% għall-irġiel), u ma kienx hemm bidla sinifikanti fiha, meta tqabbilha mar-rata tal-2010. F'dawn il-pajjiżi msieħba, ir-rata ta' impjiegi kienet inqas mill-medja tal-UE, simili f'Malta u l-Portugall, madwar 61%, u inqas fit-Turkija, madwar 49.5%. Fejn tidħol ir-rata ta' nisa b'impjieg, ir-rata tal-Portugall toqrob l-aktar lejn dik tal-Unjoni Ewropea, 57.9%. Fil-pajjiżi l-oħra, ir-rata ta' nisa b'impjieg hi ferm inqas mill-medja Ewropea. Fil-pajjiżi

kollha, ir-rata ta' rġiel b'impjieg baqgħet dejjem ogħla mir-rata ta' nisa b'impjieg. Din id-differenza hi ogħla fit-Turkija, fejn ir-rata ta' nisa b'impjieg hi ta' 29.6% u r-rata ta' rġiel b'impjieg hi ta' 69.5%, li tfisser differenza ta' 39.9 fil-mija. Fit-3 pajjiżi, id-diskrepanza ta' bejn ir-rata ta' rġiel u ta' nisa impjegati naqset mill-2010 sal-2013 (Tabella 5).

**Tabella 5 | Rata ta' impjiegi (15-64 sena)**

| Sena / Pajjiż | Nisa | | | | Irġiel | | | | Total | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
| L-Unjoni Ewropea (28) | 58.1 | 58.4 | 58.6 | 58.8 | 70 | 69.9 | 69.6 | 69.4 | 64 | 64.2 | 64.1 | 64.1 |
| Malta | 39.5 | 41.5 | 44 | 47 | 72.5 | 73.8 | 73.8 | 74.1 | 56.2 | 57.9 | 59.1 | 60.8 |
| Il-Portugall | 61 | 60.1 | 58.5 | 57.9 | 69.8 | 67.7 | 64.5 | 63.5 | 65.3 | 63.8 | 61.4 | 60.6 |
| It-Turkija | 26.2 | 27.8 | 28.7 | 29.6 | 66.7 | 69.2 | 69.2 | 69.5 | 46.3 | 48.4 | 48.9 | 49.5 |

Fejn jidħol il-qgħad, nistgħu naraw li n-nisa huma l-aktar milquta (Tabella 6). Jekk nanalizzaw is-sitwazzjoni Portugiża, ninnutaw li kien fl-2012 biss li r-rata ta' qgħad fost l-irġiel kienet ogħla minn dik ta' fost in-nisa. F'Malta nsibu sitwazzjoni simili, kien biss mill-2013 li r-rata ta' qgħad fost l-irġiel bdiet tkun ogħla mir-rata ta' qgħad fost in-nisa. Din l-analiżi ma setgħetx issir għat-Turkija għax l-istatistika miġbura ttina biss indikazzjoni tar-rata sħiħa ta' qgħad, li mhix maqsuma skont il-ġeneru.

**Tabella 6 | Rata ta' qgħad skont il-ġeneru f'Malta, fil-Portugall u fit-Turkija (%)**

| Sena / Pajjiż | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total |
| L-Unjoni Ewropea (28) | 9.7 | 9.6 | 9.6 | 9.6 | 9.7 | 9.6 | 10.4 | 10.5 | 10.4 | 10.8 | 10.9 | 10.8 |
| Malta | 6.7 | 7.1 | 6.9 | 6 | 7.1 | 6.4 | 5.7 | 7.3 | 6.3 | 6.5 | 6.3 | 6.4 |
| Il-Portugall | 11.8 | 12.2 | 12 | 12.6 | 13.2 | 12.9 | 15.9 | 15.7 | 15.8 | 16.3 | 16.6 | 16.4 |
| It-Turkija * | 0 | 0 | 11.1 | 0 | 0 | 9.1 | 0 | 0 | 8.4 | 0 | 0 | 9 |

* Għall-għan ta' dan l-istudju, ma stajniex niksbu ċ-ċifri ta' qgħad skont il-ġeneru fit-Turkija

Il-perċentwal ta' xogħol *part-time* mqabbel max-xogħol kollu (Tabella 7) jidher ċar li hu ogħla għan-nisa, kemm fil-medja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fit-3 pajjiżi membri. Din ix-xejra qed tiżdied fil-pajjiżi kollha u għalhekk, bla dubju, toffri nuqqas ta' sigurtà għan-nisa fil-kuntratti tax-xogħol tagħhom.

**Tabella 7 | Ħaddiema *part-time* bħala % mit-total ta' impjiegi**

| Sena / Pajjiż | Nisa | | | | Irġiel | | | | Total | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
| L-Unjoni Ewropea (28) | 31.8 | 32 | 32.4 | 32.7 | 8.7 | 9 | 9.4 | 9.8 | 19.2 | 19.5 | 19.9 | 20.3 |
| Malta | 24.9 | 25.9 | 26.5 | 26.8 | 5.9 | 6.7 | 7 | 8.2 | 12.4 | 13.4 | 14.1 | 15.2 |
| Il-Portugall | 15.7 | 16.5 | 17 | 16.4 | 8.4 | 11 | 12.5 | 12.3 | 11.9 | 13.6 | 14.6 | 14.3 |
| It-Turkija | 23.8 | 24.7 | 24.4 | 24.8 | 6.9 | 6.8 | 6.9 | 7.2 | 11.7 | 12 | 12 | 12.5 |

Din l-osservazzjoni tissaħħaħ bir-rata għolja ta' nisa b'xogħol *part-time* (ta' bejn il-15 u l-64 sena). Fl-Unjoni Ewropea, 75.5% tax-xogħol *part-time* jsir min-nisa. Minkejja li din ir-rata hi inqas fit-tliet pajjiżi, Malta għandha

70.7% tax-xogħol *part-time* tagħha maħdum min-nisa, il-Portugall għandu madwar 62.1% u t-Turkija 61.3% (Tabella 8).

**Tabella 8 | Rata ta' nisa f'kuntratti *part time* (bejn 15-64 sena)**

| Sena / Pajjiż | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|
| **L-Unjoni Ewropea (28)** | 76.9% | 76.6% | 76.2% | 75.7% |
| **Malta** | 72.7% | 72.1% | 72.5% | 70.7% |
| **Il-Portugall** | 69.4% | 64.5% | 61.8% | 62.1% |
| **It-Turkija** | 59.6% | 61.4% | 61.3% | 61.3% |

F'Malta, in-nisa jaħdmu qed jiżdiedu, u d-differenza ta' bejn l-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol naqset, għalkemm għadha kważi ddominata mill-irġiel (Tabella 9). Fl-2010, kien hemm aktar nisa b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni, filwaqt li fl-2013 kien hemm aktar nisa b'livell intermedju. Fil-fatt, kulma jmur qed naraw aktar żieda fin-nisa b'livell intermedju ta' edukazzjoni (minn 32% fl-2010 għal 35% fl-2013) u b'livelli ogħla (minn 29.4% għal 31.6%). Hawn tajjeb tinġibed l-attenzjoni għad-differenza żgħira ta' bejn l-irġiel u n-nisa b'livelli għolja ta' edukazzjoni, li jikkorrispondu mal-livelli tal-edukazzjoni sekondarja ogħla. Ghall-ammont ta´ snin, numru ta' gradwati nisa qieghed ikun oghla minn tal-irgiel.

**Tabella 9 | Numru ta' ħaddiema skont il-livell tal-edukazzjoni tagħhom f'Malta (f'eluf)**

| Sena / Livell ta' Edukazzjoni | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza |
| Livell 1 u 2 (edukazzjoni sekondarja bikrija) | 59.7 | 21.2 | **38.5** | 59.3 | 20.8 | **38.5** | 55.6 | 21.8 | **33.8** | 54.0 | 22.1 | **31.9** |
| Livell 3 u 4 (edukazzjoni sekondarja) | 28.4 | 18.0 | **10.4** | 27.5 | 19.8 | **7.7** | 30.0 | 20.8 | **9.2** | 31.2 | 22.9 | **8.3** |
| Livell 5 sa 8 (edukazzjoni sekondarja ogħla) | 16.8 | 16.3 | **0,5** | 19.4 | 17.6 | **1.8** | 20.6 | 19.1 | **1.5** | 21.6 | 20.8 | **0.8** |

Fil-Portugall, minkejja li n-nisa huma aktar irrappreżentati fil-livelli aktar baxxi tal-edukazzjoni, bejn l-2010 u l-2013 kien hemm żieda fin-nisa b'livell medju u għoli (Tabella 10). Fil-fatt, fl-2013, kien hemm aktar ħaddiema nisa milli rġiel b'livelli ta' edukazzjoni sekondarja u b'livelli ta' edukazzjoni ogħla mis-sekondarja.

**Tabella 10 | Numru ta' ħaddiema skont il-livell tal-edukazzjoni tagħhom fil-Portugall (f'eluf)**

| Sena / Livell ta' Edukazzjoni | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza |
| Livell 1 u 2 (edukazzjoni sekondarja bikrija) | 1,645.7 | 1,257.2 | **388.5** | 1,499.4 | 1,147.2 | **352.2** | 1,356.8 | 1,042.0 | **314.8** | 1,261.2 | 965.7 | **295.5** |
| Livell 3 u 4 (edukazzjoni sekondarja) | 435.5 | 432.9 | **2.6** | 455.3 | 472.4 | **-17.1** | 455.3 | 488.9 | **-33.6** | 494.1 | 507.9 | **-13.8** |
| Livell 5 sa 8 (edukazzjoni postsekondarja ogħla) | 308.6 | 496.7 | **-188.1** | 351 | 527.9 | **-176.9** | 365.1 | 547.8 | **-182.7** | 361.0 | 568.2 | **-207.2** |

Fit-Turkija, id-differenza ta' bejn l-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol hi sinifikanti ħafna, u l-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema hi magħmula mill-irġiel (70%). Il-maġġoranza tan-nisa għandhom livelli baxxi ta' edukazzjoni/kwalifiki. Fil-fatt, fl-2013, madwar 60% tan-nisa kellhom Livell 1 u 2 (edukazzjoni sekondarja bikrija). F'kull każ qed naraw żieda fin-nisa bi kwalifiki ogħla, tant li ż-żieda kienet minn 20% fl-2010 għal 23% fl-2013 (Tabella 11).

**Tabella 11 | Numru ta' ħaddiema skont il-livell tal-edukazzjoni tagħhom fit-Turkija (f'eluf)**

| Year / Livell ta' Edukazzjoni | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza | Irġiel | Nisa | Differenza |
| Livell 1 u 2 (edukazzjoni sekondarja bikrija) | 9,938.40 | 4,019,20 | **5,919.20** | 10,411.50 | 4,345.10 | **6,066,40** | 10,371.70 | 4,421.50 | **5,950.20** | 10,408.60 | 4,529.50 | **5,879.10** |
| Livell 3 u 4 (edukazzjoni sekondarja) | 3,489.40 | 969.60 | **2,519.80** | 3,685.00 | 1,030.00 | **2,655.00** | 3,828.60 | 1,088,00 | **2,740.60** | 3,955.40 | 1,162.40 | **2,793.00** |
| Livell 5 sa 8 (edukazzjoni postsekondarja ogħla) | 2,316.30 | 1,269,60 | **1,046,70** | 2,574.80 | 1,403.50 | **1,171.30** | 2,853.50 | 1,607.60 | **1,245.90** | 3,039,10 | 1,760.40 | **1,278.70** |

## INDIKATURI TAL-UGWALJANZA TAL-ĠENERU FL-IMPJIEGI TAL-INDUSTRIJA TAT-TESSUTI, IL-ĦWEJJEĠ, IŻ-ŻRABEN U L-ĠILDA

F'din l-analiżi, ġew ikkunsidrati l-industriji tat-tessuti, il-ħwejjeġ u ż-żraben fil-każ tal-Portugall. Għat-Turkija ġew meqjusa l-industriji tat-tessuti, il-ħwejjeġ u l-ġilda. Fil-każ ta' Malta, peress li ma stajniex nifirdu l-attività ta' dawn it-tliet setturi, ikkunsidrajna s-settur tal-manifattura u industriji oħra, kif indikat.

It-3 pajjiżi jirrappreżentaw aktar minn miljun u 121 fl-industriji mistħarrġa (Tabella 12) u t-Turkija hi l-aktar pajjiż li jimpjega ħaddiema f'dawn l-industriji. Filwaqt li Malta u l-Portugall kellhom tnaqqis fl-impjiegi msemmija, fit-Turkija kien hemm żieda fin-numru ta' ħaddiema f'dawn l-industriji.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġeneru, fil-Portugall biss hemm il-maġġoranza tal-ħaddiema li huma nisa. Hawn, ir-rata ta' nisa jaħdmu f'dawn l-industriji hi ta' 68%, ogħla mill-medja nazzjonali ta' 48%. Fit-Turkija, ir-rata ta' nisa jaħdmu f'dawn l-industriji hi ta' 37%, aktar mill-medja nazzjonali ta' 30%, filwaqt li f'Malta r-rata hi ta' 25%, ferm inqas mill-medja nazzjonali ta' 37.7%.

L-akbar tnaqqis fil-ħaddiema tal-Portugall u ta' Malta kien fost in-nisa (10% inqas nisa mill-2010 sal-2012 f'Malta, u 5% inqas mill-2010 sal-2012 fil-Portugall), filwaqt li ż-żieda fil-ħaddiema tat-Turkija kienet, primarjament, fost in-nisa (23% aktar nisa u 17% aktar irġiel bejn l-2010 u l-2012).

**Tabella 12 | Numru ta' ħaddiema fis-setturi mistħarrġa**

| Sena / Pajjiż | 2009 | | | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total | Irġiel | Nisa | Total |
| **Malta *** | - | - | - | 18,200 | 6,300 | 24,400 | 18,800 | 6,400 | 25,200 | 16,800 | 5,700 | 22,400 |
| **Il-Portugall** | 52,971 | 122,285 | 175,256 | 49,227 | 110,047 | 159,274 | 48,899 | 108,862 | 157,761 | 48,464 | 104,815 | 153,279 |
| **It-Turkija** | 469,597 | 257,198 | 726,795 | 507,129 | 285,651 | 792,780 | 543,681 | 345,121 | 888,802 | 594,051 | 351,507 | 945,558 |
| **Total** | 522,568 | 379,483 | 902,051 | 574,556 | 401,998 | 976,454 | 611,380 | 460,383 | 1,071,763 | 659,315 | 462,022 | 1,121,237 |

* Iċ-ċifri għal Malta jirreferu għas-settur tal-manifattura u għal industriji oħra, u għal din l-analiżi ma stajniex niksbu ċ-ċifri tas-sena 2009

Id-diskrepanza li teżisti fil-paga tal-irġiel u tan-nisa hi indikatur ta' diskriminazzjoni. Fil-fatt, jidher li fil-pajjiżi kollha l-irġiel jaqilgħu iżjed min-nisa (Tabella 13). F'livell ta' settur, din id-diskrepanza fil-pagi qiegħda l-iżjed fil-Portugall, tant li laħqet it-23.2% fl-2013. Issegwi Malta, fejn l-irġiel għandhom pagi li huma 16.2% ogħla minn tan-nisa. Din id-differenza hi baxxa fit-Turkija, 4.2% biss. Din iċ-ċifra fit-Turkija, skont l-imsieħeb Tork, hi ġustifikata bil-fatt li l-pagi f'dawn is-setturi huma ħafna eqreb tal-paga minima nazzjonali.

**Tabella 13 | Differenza fil-pagi tal-irġiel u tan-nisa fis-setturi mistħarrġa**

| Sena / Pajjiż | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Malta *** | - | 14.02% | 12.65% | 16.15% | 20.95% |
| **Il-Portugall **** | 25.65% | 24.05% | 23.08% | 23.19% | - |
| **It-Turkija **** | 2.32% | 2.46% | 2.44% | 4.24% | - |

* Ma stajniex niksbu ċ-ċifri fuq il-pagi ta' Malta fl-2009
** Ma stajniex niksbu ċ-ċifri fuq il-pagi tal-Portugall u tat-Turkija fl-2013

## KONKLUŻJONIJIET

- Iċ-ċifri analizzati jindikaw l-eżistenza ta' nuqqas ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol tal-pajjiżi kollha f'din is-sħubija.
- Ir-rata ta' qgħad fost in-nisa hi baxxa meta tqabbilha mar-rata ta' qgħad fost l-irġiel. Bl-eċċezzjoni tal-Portugall, ir-rata ta' xogħol fost in-nisa fil-pajjiżi l-oħra - Malta u t-Turkija - hi inqas mill-medja tal-Unjoni Ewropea. Id-differenza ta' bejn ir-rata ta' rġiel u ta' nisa impjegati fit-Turkija tlaħħaq it-42.4 fil-mija.
- Għalhekk, qed ninnutaw żieda fir-rata ta' nisa impjegati fil-pajjiżi kollha, li qed issegwi l-medja tal-UE. Minn fost it-tliet pajjiżi, il-Portugall għandu l-ogħla rata ta' nisa jaħdmu, madwar 48.3% fl-2013, saħansitra ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea, li hi 45.8%.
- Fir-rigward tal-qgħad, nistgħu nikkonkludu li n-nisa huma l-aktar affettwati. Ir-rata ta' nisa bla xogħol hi dejjem ogħla mir-rata ta' rġiel bla xogħol.
- Il-perċentwal tax-xogħol *part-time* meta mqabbel mal-impjiegi totali, huwa bla dubju ogħla fost in-nisa u r-rata ta' nisa b'impjieg parzjali hi ta' bejn 60% u 70%, li tindika nuqqas akbar ta' sigurtà fost in-nisa fejn jidħlu l-kuntratti tax-xogħol tagħhom.
- Fl-industriji analizzati, il-pajjiżi bl-akbar volum ta' forza tax-xogħol għandhom rata ta' nisa jaħdmu li hi ogħla mill-medja nazzjonali, ħaġa li tindika aktar vulnerabbiltà għan-nisa fis-suq tax-xogħol settorjali.
- Fl-industriji analizzati, l-eżistenza ta' pagi ogħla għall-irġiel meta mqabbla mal-pagi tan-nisa, tibqa' ssibha fil-pajjiżi kollha, u b'hekk joħorġu ċari l-każijiet ta' diskriminazzjoni fil-pagi.

Sħubija: FESETE GWU DİSK TEKSTİL

B'kofinanzjament mal-
**Unjoni Ewropea**